# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 7**

**Citazzjoni Numru 420/07 JA**

**Mary sive Marielle Cassar**

**v.**

**Edward Cassar**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn digriet [id-digriet appellat] moghti f'kawza ta' separazzjoni personali mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fl-24 ta' Marzu 2015, liema digriet jaqra hekk:

> "Rat ir-rikors tal-attrici tas-27 ta' Frar, 2015;
>
> Rat ir-risposta;

Tilqa' l-ewwel u t-tielet talba;

Tichad it-tieni talba."

2. It-talbiet kontenuta fir-rikors precitat jaqraw hekk:

"1. Tordna lill-konvenut appellant jaghti lill-attrici kopja tac-cwievet kollha tad-dar matrimonjali u gradi u kancelli li jaghtu access ghall-Pezul Lodge, Wardija Hill, Wardija flimkien ma' remote controls tal-garaxx u tal-kancellli jaghti mit-triq ghad-drive-in, kif ukoll il-kodici l-gdid tal-alarm u dan fi zmien qasir u perentorju;

2. Tordna lill-konvenut appellant jizgombra l-kamra tas-sodda li kienet tintuza minn bin il-partijiet Sean mill-ghamara tal-kamra tal-ikel;

3. Tordna li l-attrici tinghata l-assistenza ta' Marixxal tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva fil-gumata u l-hin indikat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tkun tista' terga' tidhol fid-dar;

4. Taghti kull provvediment li l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportuni fic-cirkostanzi."

## L-Appell

3. Dan hu msejjes fuq zewg aggravji: [1] li d-digriet huwa null ghax ma fihx motivazzjoni kif trid il-ligi, u [2] li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta waslet ghall-konkluzjonijiet taghha.

4. Abbazi ta' dawn l-aggravji l-konvenut qed jitlob li d-digriet appellat jigi riformat billi jigi revokat f'dik il-parti fejn intlaqghu l-ewwel u t-tielet talbiet, filwaqt li jigi konfermat f'dik il-parti fejn giet michuda t-tielet talba, bl-ispejjez kontra l-attrici;

5. L-attrici min-naha taghha tilqa' ghal dan l-appell billi tghid [1] li l-appell huwa irritu u null, inkwantu li l-ligi procedurali ma taghtix appell dirett minn tali digriet li la huwa definittiv u lanqas huwa interlokutorju; [2] li, in subsidium, anke jekk jigi deciz li d-degriet appellat huwa wiehed appellabbli, xorta wahda huwa vizzjat ghax sar *fuori termine* jigifieri wara l-iskadenza tal-perijodu ta' 20 gurnata mill-ewwel udjenza li nzammet wara li nghata d-digriet kamerali; u [3] li l-aggravji huma f'konflitt ma' xulxin.

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

6. Ikun opportun li l-ewwel li jigi deciz huwa l-punt procedurali sollevat mill-attrici, li hu fis-sens li, tenut kont li d-digriet appellat la huwa definittiv u lanqas huwa interlokutorju, m'hemmx appell dirett minnu lill-din il-Qorti.

7. Min-naha tieghu l-konvenut fir-rikors tieghu jghid li l-appell odjern qed isir "ai termini tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta" minghajr ma jindika l-artikolu relevanti. Fit-trattazzjoni orali indika s-sub-inciz 3 tal-Artikolu 229 tal-imsemmi kap bhala l-bazi legali tal-appell tieghu.

8. Fl-ewwel lok din il-Qorti tissenjala li jirrizulta car li d-digriet appellat m'huwiex wiehed minn dawk indikati fis-sub-incizi 1 u 2 tal-

Artikolu 229 u ghalhekk dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk jinkwadrax fid-dispost tas-sub-inciz 3 tal-istess artikolu. Dan is-sub-inciz huwa ta' natura residwali u japplika ghal kull "**digriet interlokutorju iehor**" li jinghata fil-kors tal-proceduri u li ma jaqax taht is-sub-incizi 1 u 2.

9. Dwar il-materja li titratta l-appellabbilita` ta' digrieti moghtija fil-kors ta' proceduri hija relevanti s-segwenti osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza **Paul Tanti et v. Sammy Mifsud**[1]:

> "Ezami akkurat ta' l-artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b'din iddisposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu landament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel issentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-dispozizzjoni pero` taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta' l-istess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – lartikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4), (5) u (6) huma lkoll marbutin mad-dispozizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2).

10. Fil-kaz odjern, ghalkemm id-digriet provvizorju appellat jista' jitqies bhala ancillari ghall-gudizzju, ma jistax jitqies bhala wiehed interlokutorju peress li m'huwiex intiz sabiex jirregola l-andament tal-

[1] Nr. 2259/200, deciza 19 Novembru 2001 – F'dan il-kaz li kien jirrigwarda l-Artikolu 229 b'referenza ghall-Artikolu 836 tal-Kap. 12 din il-Qorti ezaminat l-import guridiku tal-emendi introdotti fil-Kap. 12 bl-Att XXIV/1995.

proceduri; wisq anqas jista' jigi meqjus bhala digriet definittiv peress li minnu nnifsu hu ta' natura provvizorja intiz sabiex jirregola temporanjament is-sitwazzjoni fil-meritu bejn il-partijiet sakemm tinghata s-sentenza finali. Ghaldaqstant ma jistax jitqies bhala li jinkwadra fl-imsemmi sub-inciz 3.

11. In vista tal-premess il-punt sollevat mill-attrici jirrizulta fondat fil-fatt u fid-dritt u l-appell odjern huwa null. F'dawn ic-cirkostanzi mhux il-kaz li din il-Qorti tkompli tiehu konjizzjoni tal-aggravji sollevati mill-konvenut.

Ghaldaqstant tichad l-appell tal-konvenut, bl-ispejjez a kariku tal-istess.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df